MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT

## AARON BUGEJA

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2014

Numru. 573/2014

**Il-Pulizija**

**(Spettur Trevor Micallef)**

**vs**

**Ahmed Salad Mahmoud u Abdulahi Mohamed Adow**

Il-Qorti:

Wara li rat l-imputatazzjonijiet datati 18 ta’ Ġunju, 2014 fil-konfront t`

Ahmed Salad (jew Salaat) Mahmoud (aktar l-isfel magħruf bħala “Salad”), iben Salad Mahmoud Abdi u Fadumo Mahmoud Mahar, imwieled Somalia nhar l-10 ta’ Jannar, 1997, jgħix ġewwa Tent Centre, Ħal Far, limiti taż-Żurrieq u detentur tad-dokument tal-Pulizija numru 130-048.

Abdulahi Mohamed Adow (aktar l-isfel magħruf bħala "Abdulahi"), iben Mohamed Adow u Madina nee' Mohamed, imwieled Somalja, fl-1 ta' Jannar, 1982, jgħix ġewwa Tent Centre, Ħal Far, limiti taż-Żurrieq u detentur tal-karta tal-identita' numru 46867 (A).

L-imputati akkużati illi:

Nhar is-17 ta' Gunju, 2014 bejn il-ħamsa ta' filgħodu u s-sitta ta' filgħodu (05.00 am – 06.00 am) f'dawn il-Gżejjer;

Ikkommettew serq ta' laptop tal-marka Toshiba, liema serq huwa kkwalifikat bil-'valur', bil-'lok' u bil-'ħin' għad-detriment ta' Baran Sangini u/jew persuni oħra.

Fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi xjentement, laqgħu għandhom jew xtraw ħwejjeg, li kienu misruqa, meħuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b'kull mod li jkun, indaħlu biex ibiegħuhom jew imexxuhom.

L-akkużat Ahmed Salad Mahmoud waħdu talli f'dawn il-Gżejjer, ikkommetta reat matul il-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza, meta b'sentenza mogħtija mill-Qrati ta' Malta nhar il-21 ta' Mejju, 2014 ġie kkundannat għal piena ta' 6 xhur priġunerija liema perjodu ta' priġunerija ġiet sospiża għal perjodu ta' 3 snin.

L-akkużat Abdulahi Mohamed Adow waħdu talli f'dawn il-Gżejjer, ikkommetta reat matul il-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza, meta b'sentenza mogħtija mill-Qrati ta' Malta nhar il-25 ta' Mejju, 2014 ġie kkundannat għal piena ta' 16-il xahar priġunerija liema perjodu ta' priġunerija ġiet sospiża għal perjodu ta' 3 snin.

L-akkużati t-tnejn li huma talli fl-istess perjodu ta' żmien u ċirkostanzi f'dawn il-Gżejjer irrendew ruħhom reċidivi ai termini tal-Artikolu 49, 50 u 289 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta wara li dawn kienu ġew misjuba ħatja b'diversi sentenzi mogħtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula.

Rat li qabel li l-atti ġew rimessi quddiem din il-Qorti kif presjeduta, matul is-seduta tat-18 ta' Ġunju 2014 l-Uffiċjal Prosekutur ikkonferma l-imputazzjonijiet bil-ġurament tiegħu u matul il-kors tal-eżami tal-imputati skont l-Artikoli 392 u 370(4) tal-Kodiċi Kriminali l-istess imputati wieġbu li ma kellhomx oġġezzjoni li l-każ jigi trattat bi proċedura sommarja;

Rat il-kunsens tal-Avukat Ġenerali a fol 9 li permezz tiegħu iddikjara li kien qiegħed jagħti l-kunsens tiegħu sabiex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja;

Rat li matul l-istess eżami tal-imputati ai termini tal-Artikolu 392(1) tal-Kodiċi Kriminali, l-imputati, debitament assistiti mill-Avukat tal-Għajnuna Legali u fil-preżenza tal-interpretu nominat, tennew li m'humiex ħatja tal-imputazzjonijiet miġjuba kontrihom.

Semgħet il-provi prodotti;

**<u>Ikkunsidrat : -</u>**

Illi f'dan il-każ il-Prosekuzzjoni ippruvat, lil hinn minn kull dubju raġjonevoli li fid-data, ħin, lok u ċirkostanzi, Baran Sangini safa' vitma ta' serq ta' laptop tal-marka Toshiba mill-appartament li kien qiegħed jirrisjedi fih. Jibqa' l-fatt li l-Qorti tista biss torbot liż-żewġ imputati ma' din is-serqa fuq provi li skont ir-regoli tal-Liġi ta' Proċedura Kriminali Maltija jistgħu jitqiesu li huma ammissibbli. U hawn hu l-pern tal-problematika legali f'dan il-każ.

Il-Prosekuzzjoni resqet bi prova l-istqarrijiet tal-imputati, ix-xiehda tal-vitma tas-serq Baran Sangini u x-xiehda tal-Uffiċjali tal-Pulizija involuti fl-investigazzjoni ta' dan il-każ : l-Ispettur Trevor Micallef, is-Surġent 848 Lawrence Gabriel u l-Kunstistabbli 918 Clayton Azzopardi.

Dawn il-provi trid tiflihom fir-rigward tal-involviment taż-żewġt imputati rispettivament.

Minn qari tal-istqarrija ta' Ahmed Salad Mahmoud a fol 14 jirriżulta li hu u l-ko-imputat Abdulahi kienu preżenti fl-appartament (li fih kien jgħix Baran Sangini) fejn xorbu xi xorb alkoholiku u Abdulahi newwel il-laptop lil Salad biex iżommu u qallu biex jieħdu miegħu Ħal-Far; Salad telaq u mar jaqbad taxi biex imur Ħal Far fejn, skont li qallu Abdulahi kellu jiltaqa' ma xi persuna li kellu jħallas għat-taxi. Salad itenni li meta wasal Ħal Far il-laptop żammu x-xufier tat-taxi sakemm imur iġib il-flus. Meta Salad ra li ma kien hemm ħadd li kien qed jistennieħ biex iħallas it-taxi, meta mar lura fejn it-taxi ra li x-xufier kien telaq bit-taxi u l-laptop b'kollox. Salad jgħid dawn il-preċiżi kelmiet dwar il-laptop: "It was given to me, i did not steal it but i know that it was stolen" (ara fol 15). Salad iżid li kien Abdulahi li tah il-laptop u li kien talbu biex jgħinu jieħu Ħal-Far fejn kellu jikkonsenja dal-laptop lil xi persuna. Salad kien xurban u wettaq dak li qallu Abdulahi.

Minn naħa tiegħu Abdulahi Adow Mohamed jgħid li kien Salad li kien seraq il-laptop u li anke sidu kien jaf li kien Salad li serqu u li huwa ma kienx messu dan il-laptop (ara fol 18).

Il-Kodiċi Kriminali hu ċar meta jgħid

> 658. Kull ħaġa li imputat jew akkużat jistqarr, sew bil-miktub
> kemm ukoll bil-fomm, tista' tittieħed bi prova kontra min ikun
> stqarrha, kemm-il darba jinsab li din il-konfessjoni ġiet magħmula
> minnu volontarjament u ma ġietx imġiegħla jew meħuda b'theddid
> jew b'biża', jew b'wegħdiet jew bi twebbil ta' vantaġġi.

Kif ukoll : -

> 661. Konfessjoni ma tagħmilx prova ħlief kontra min jagħmilha,
> u mhix ta' preġudizzju għal ebda persuna oħra.

Dan ifisser li dak li stqarrew il-ko-imputati fil-**<u>konfront ta' xulxin</u>** fl-istqarrijiet tagħhom ma jistax jittieħed bi prova ammissibbli li fuqha din il-Qorti tista ssib ħtija.[1] Fin-nuqqas ta' kontestazzjoni ta' dawn l-istqarrijiet, l-istess stqarrijiet jagħmlu prova ammissibbli tal-kontenut tagħhom fil-konfront ta' min ikun għamilhom u mhux kontra ħaddieħor.

Dan ifisser li bis-saħħa ta' dawn l-istqarrijiet, din il-Qorti tista ssib li Salad ammetta li huwa mhux biss ġarr laptop computer lejn Ħal-Far iżda wkoll li kien jaf li kien misruq u li kien indaħal sabiex imexxih lil ħaddieħor.

Mill-kumplament tal-istqarrijiet din il-Qorti ma tistax tislet provi oħra ammissibbli biex fuqhom tkun tista ssib ħtija.

Ix-xiehda ta' Baran Sangini ftit li xejn titfa' dawl fuq dak li seħħ. Essenzjalment huwa jgħid li :

(a) l-computer misruq tal-marka Toshiba kien tiegħu;
(b) li kien jiswa sitt mitt euro (€600);
(c) jaf li nsteraq mill-appartament fejn kien jabita għax ir-room mate tiegħu ċertu Saniyat Sansybayev kien qallu b'dan;
(d) a fol 29 jgħid li ma kienx jaf jekk kienux l-imputati jew xi wieħed minnhom li seraqlu l-laptop għax hu ma raħhomx jagħmlu dan;
(e) Jaf li l-imputati kienu preżenti fl-appartament tiegħu u jaf li xi wieħed minnhom kien qiegħed iżomm xi ħaġa taħt idejh pero ma jafx din il-ħaġa x'kienet (ara fol 30 u 34).

Mill-banda l-oħra kemm PS848 Lawrence Gabriel u kif ukoll il-Kuntistabbli PC918 Clayton Azzopardi, kelmu lil Saniyat Sansybayev jgħid li kien Abdulahi li kien ħa l-laptop u li kien għaddieh lil Salad.

Biss ix-xhud prinċipali Saniyat Sansybayev, li kien mitkellem mill-Pulizija (u li minn dak li rriżulta miċ-ċertifikat tan-notifika kien Malta sad-19 ta' Lulju 2014 għax wara dik id-data ħadd ma jaf fejn spiċċa) ma nġiebx biex jixhed quddiem din il-Qorti.

[1] Ara wkoll f'dan is-sens "Ir-Repubblika ta' Malta vs Matthew Bajada", Qorti Kriminali deċiża nhar id-19 ta' Settembru 2011 u "Ir-Repubblika ta' Malta vs Matthew Mizzi", Qorti Kriminali, deċiża nhar l-24 ta' Frar 2014.

Dan ifisser li din il-Qorti hija konfrontata bi stqarrija ġuramentata ta' żewġt uffiċjali tal-Pulizija li stqarrew bil-ġurament tagħhom li dan ix-xhud li ma deherx kien identifika lil Abdulahi bħala dak li kien seraq il-laptop u għaddieh lil Salad – verżjoni din li taqbel ma dak li stqarr Salad fl-istqarrija tiegħu iżda li għar-raġunijiet imsemmija aktar il-fuq, il-Qorti ma tistax tammettiha bħala prova ammissibbli f'dan il-każ.

Id-Difiża ttenni li mhux biss dik il-parti tal-istqarrija ta' Salad hija inammissibbli iżda anke din id-deposizzjoni ta' dawn iż-żewġt uffiċjali tal-Pulizija mhix xiehda ammissibbli in kwantu hija milquta mir-regola t'esklużjoni tagħha bħala prova komunement riferita bħala "hearsay evidence". Mill-banda l-oħra l-Prosekuzzjoni qegħda tisħaq li din hija prova li hija ammissibbli u li l-Qorti għandha tammetti u torbot fuqha għaliex parti mir-riżultanzi investigattivi.

Każ simili li kien jirrigwarda wkoll serq ta' laptop kien dak deċiż mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawża fl-ismijiet : "Il-Pulizija vs Janis Caruana" nhar l-14 ta' Mejju 2012 mill-Imħallef Lawrence Quintano. F'dak il-każ il-kwistjoni tal-"hearsay evidence" kienet ġiet trattata b'dan il-mod : -

> 21. Bir-rispett kollu, il-hearsay rule tagħna (fl-artikolu 599) mhix daqshekk riġida daqs kemm wieħed jaħseb. Fil-fatt l-ewwel parti ta' dan l-artikolu jgħid hekk:
>
> '599. Il-qorti tista', skont iċ-ċirkostanzi, tippermetti xiehda fuq kliem ħaddieħor u tieħu qies tagħha, meta dan l-istess kliem ħaddieħor ikollu, fih innifsu, importanza sostanzjali, fuq il-meritu tal-kawża jew ikun jagħmel parti mill-meritu; inkella meta dan ħaddieħor ma jkunx jista' jinġieb biex jixhed, u l-fatti jkunu tali li ma jkunux jistgħu jiġu ppruvati sewwa xort'oħra,'
>
> 22. Fil-fatt fil-kawża 'Joseph Mary Vella et versus il-Kummissarju tal-Pulizija' il-Qorti Kostituzzjonali nhar it-13 ta' Jannar 19881 qalet hekk:
>
> 'Issa, fil-każ preżenti, si tratta ta' depożizzjoni ta' xhud dwar x'qallu ħaddieħor li ma jistax jiġi prodott minħabba li x-xhud ġie marbut bis-sigriet professjonali fuq l-identita' ta'dan il-ħaddieħor. Ċertament il-klem ta' dan il-ħaddieħor jistgħu, fiċ-ċirkostanzi tal-każ, ikollhom importanza sostanzjali fuq il-mertu tal-kawża. Għalhekk il-Qorti ma tara l-ebda raġuni l-għala għandha tiddipartixxi millkonlużjoni tal-ewwel qorti ( li tħalli lil dan ix-xhud jiddeponi).'
>
> 23. Ukoll fl-Ingilterra u f'Wales ir-regola tal-hearsay m'għadhiex stretta daqsa qabel. Il-Qorti Ewropea Dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fil-każ ' Al-Khawaja and Tahery versus

the United Kingdom' tal-15 ta' Diċembru 2011 (deċiżjoni tal-Grand Chamber) qalet hekk f'pargrafu 130:

'However, the Court notes that the present cases have arisen precisely because the legal system in England and Wales has abandoned the strict common law ruel against

hearsay evidence. Exceptions to the rules have been created, notably in the 1988 and 2003 Acts, which allowed for admission of ST's statement in Al-Khawaja's case and T's statement in Tahery's case.'

24. Fil-każ ta' Al-Khawaja, ST kienet għamlet rapport lill-Pulizija numru ta' xhur sewwa wara li kienet allegatament assaltata minn tabib. ST għamlet suwiċidju qabel il-ġuri. L-Imħallef li ppresieda ħalla li jinqara r-rapport waqt il-ġuri u ta direzzjonijiet appożiti. (Ara paragrafi 9 -19 tal-istess sentenza). Il-Grand Chamber ma sabitx vjolazzjoni talartikolu 6 (ara par.158 tas-sentenza).

25. Issa, jekk wieħed janalizza s-sitwazzjoni fil-każ li jinsab fil-preżent quddiem il-Qorti, ir-rapport bl-ebda mod ma jgħid li min għamel ir-rapport dwar is-serqa indika lillappellant. Kieku kien hekk ir-rapport kien ikun prova li sar it-tali kliem iżda mhux prova li l-appellant wettaq is-serqa għalkemm l-istess rapport kien ikun jista' jintuża biex jikkorobora provi oħra. (Ara: Subramianiam v Public Prosecutor (1956) 1.W.L.R.956 at 969, PC).2 Fir-rapport odjern m'hemmx xi allegazzjoni bħalma ma għamlet ST fil-każ 'Al-khawaja vs UK' jew xi sitwazzjoni simili għal dak li aċċettat il-Qorti Kostituzzjonali. Hawn għandna biss rapport li saret is-serqa, ta' xhiex, fejn u meta. Min għamel ir-rapport mhux Malti, ma semma lil ebda persuna bħala suspettat, u ma jistax joqgħod jinġieb Malta biex jikkonferma li saret serqa ta' laptop. Terġa' min għamel irrapport ma joqgħodx f'xi pajjiż fil-viċin.

26. Għalhekk il-Qorti, wara li rat iċ-ċirkostanzi tal-każ, u wara li rat l-artikolu 599 tal-Kap 12 res applikabbli għall-Kap 9, qed tiddeċiedi li fil-proċess teżisti prova li hija ammissibbli. Ir-rapport huwa prova li saret is-serqa u ta' xejn aktar.

Oltre minn hekk fis-sentenza tal-Qorti Kriminali deċiża nhar l-24 t'Ottubru 2011 fil-kawża fl-ismijiet "Ir-Repubblika ta' Malta vs Mario Azzopardi" ġie deċiż is-segwenti : -

Li l-artikoli relevanti dwar il-Hearsay Rule huma l-artikoli 598 u 599 tal-Kap 12 reżi applikabbli għall-Kap 9 blartikolu 645 tal-Kap 9.

'598. (1) Bħala regola, il-qorti ma tiħux qies ta' xiehda dwar fatti li x-xhud igħid li ġie jafhom mingħand ħaddieħor jew li qalhom ħaddieħor li jista' jinġieb biex jagħti xiehda

fuq dawk il-fatti.

(2) Il-qorti tista', ex officio, jew fuq oppożizzjoni tal-parti, ma tħallix jew tiċħad li jsiru mistoqsijiet bi skop li jittieħdu xiehda bħal dawk.

(3) Iżda l-qorti tista' ġġiegħel lix-xhud li jsemmi l-persuna li mingħandha jkun sar jaf il-fatti li għalihom jirriferixxu dawk il-mistoqsijiet.

599. Il-qorti tista', skont iċ-ċirkostanzi, tippermetti xiehda fuq kliem ħaddieħor u tieħu qies tagħha, meta dan l-istess kliem ħaddieħor ikollu, fih innifsu, importanza sostanzjali, fuq il-meritu tal-kawża jew ikun jagħmel parti mill-meritu; inkella meta dan ħaddieħor ma jkunx jistax jinġieb biex jixhed, u l-fatti jkunu tali li ma jkunux jistgħu jiġu ppruvati sewwa xort'oħra, l-aktar f'każijiet ta' twelid, taż-żwieġ, tal-mewt, tal-assenza, ta' servitu', ta' rjieħ ta' immobbli, ta' pussess, ta' drawwiet, ta' ġrajjiet storiċi pubbliċi, ta' reputazzjoni jew ta' fama, ta' kliem jew fatti ta' nies li mietu jew li jkunu assenti u li ma kellhom ebda interess li jgħidu jew jiktbu lfalz, u ta' fatti oħra ta' interess ġenerali jew pubbliku jew li jkunu magħrufa minn kulħadd.'

Il-każ li mhux l-ewwel darba li ġie ċitat b'approvazzjoni dwar il-hearsay rule f'kawżi ta' natura kriminali huwa Subramaniam v. Public Prosecutor fejn insibu dan ilkliem:

'Evidence of a statement made to a witness by a person who is not himself called as a witness may or may not be hearsay. It is hearsay and inadmissible when the object of the evidence is to establish the truth of what is contained in the statement. It is not hearsay and is admissible when it is proposed to establish by the evidence, not the truth of the statement, but the fact that it was made. The fact that the statement was made, quite apart from its truth, is frequently relevant in considering the mental state and conduct thereafter of the witness or of some other person in whose presence the statement was made.'

Jekk wieħed jimxi mal-prinċipji ta' dan il-każ allura ċerti persuni li magħhom ikun tkellem l-allegat vittma jistgħu jkunu prodotti (per eżempju, psikologu, għalliem jew social worker, il-ġenituri jew qraba fil-qrib tal-allegat vittma). Dawn jistgħu jixhdu li l-allegat vittma tassew qal hekk. Tali xhieda hija biss prova li l-allegat vittma tassew qal hekk, iżda mhux li dak li qed jgħid l-allegat vittma huwa tassew minnu. Jekk wieħed jeżamina l-ewwel sentenza tal-artikolu 599 tal-Kap 12, wieħed jista' jikkonkludi li l-hearsay rule fil-Liġi tagħna mhix daqshekk assoluta. U filfatt hekk qalet il-Qorti

Kostituzzjonali hija u tiddeċiedi il- każ 'Joseph Mary Vella et versus Il-Kummissarju tal-Pulizija' (13 ta' Jannar 1988) fejn il-Qorti kkonfermat digriet tal-Prim'Awla biex jitħalla jixhed Prokuratur Legali li kien marbut bis-sigriet professjonali. Dan tħalla jixhed mingħajr ma kellu jikxef isem it-terza persuna li kienet qaltlu biex il-fatti li fuqhom kellhom jixhed il-Prokuratur Legali. Peress li d-depożizzjoni, li tista' tkun hearsay, tista' tkun prova diretta li ntqal xi ħaġa, ma tistax tiġi esklusa flistadju tal-eċċezzjonijiet preliminari.

F'dak li huma deċiżjonijiet kriminali, il-Qrati tagħna issa ilhom sew isegwu il-prattika dwar il-hearsay rule. (Ara dwar dan il-punt: Ir-Repubblika versus Meinrad Calleja). Reċentement il-Qorti tal-Appell Kriminali diversament preseduta qalet hekk:''

' Fil-limit tal-użu li għamlet l-ewwel Qorti tal-okkorenza msemmija, ma hemm xejn irregolari. Hu ben stabbilit li waqt li prova hearsay ma hix prova tal-kontenut ta' dak li jiġi rapportat li ntqal, hi prova li dak rapportat li ntqal fil-fatt intqal fiċ-ċirkostanzi, data, post u ħin li ntqal u in kwantu tali hi ċirkostanza li meħuda ma' provi u ċirkostanza oħra tista' wkoll tikkontribwixxi għall-apprezzament li tagħmel il-Qorti.' (1 t'April 2011 'Il-Pulizija versus Fabio Schembri' preseduta mill-S.T.O. il-Prim Imħallef Dr Silvio Camilleri).

Għaldaqstant, il-Qorti qed tiċħad ir-raba', il-ħames u s-sitt eċċezzjoni.

Din il-Qorti għalhekk qed tinterpreta din il-ġurisprudenza f'dan il-każ bil-mod kif ser jiġi spjegat. Ix-xiehda tal-Uffiċjali tal-Pulizija li xehdu dwar dak li qallhom Saniyat hija ammissibbli in kwantu għal dak li huma semgħuh jistqarr – iżda tali stqarrijiet ma jistgħux jittieħdu bħala prova tal-kontenut tagħhom u li allura dawk il-fatti rakkontati minn Saniyat huma l-verita li l-Qorti trid tistrieħ fuqha. Issa f'dan il-każ, iċ-ċirkostanzi l-oħra msemmija huma dawk li jitnisslu mill-istqarrija ta' Salad u Abdulahi rispettivament, li pero ma humiex ammissibbli bi prova wieħed kontra l-ieħor; kif ukoll ma dak mistqarr minn Baran Sangini, li l-aktar li jgħid hu li Saniyat qallu li serqulu l-laptop u li ra lil xi wieħed mill-imputati b'xi ħaġa taħt idejh iżda ma jafx din x'kienet.

L-evidenza ċirkostanzjali f'dan il-każ mhix b'saħħitha biżżejjed biex toħloq inferenzi ta' fatt li jistgħu iwaslu għal ħtija fir-rigward t'Abdulahi. Din l-evidenza ċirkostanzjali skont il-

Blackstone's **Criminal Practice,**[2] fejn jikkwota lil Lord Simon fil-każ DPP v Kilbourne[3] fejn fis-silta l-aktar rilevanti jingħad hekk : -

> "The Lord Justice-General (Lord Clyde) started his judgment: 'The question in the present case belongs to the department of circumstantial evidence. This consideration is vital to the whole matter …'
>
> Circumstantial evidence is evidence of facts from which, taken with all the other evidence, a reasonable inference is a fact directly in issue. It works by cumulatively, in geometrical progression, eliminating other possibilities.[4]

Inoltre, fil-każ Teper v The Queen[5] Lord Normand stqarr :

> Circumstantial evidence may sometimes be conclusive, but it must always be narrowly examined, if only because evidence of this kind may be fabricated to cast suspicion on another...It is also necessary before drawing the inference of the accused's guilt from circumstantial evidence to be sure that there are no other co-existing circumstances which would weaken or destroy the inference.[6]

Fil-fehma tal-Qorti f'dan il-każ bl-applikazzjoni ta' dawn il-prinċipji, wieħed ma jistax jasal għall-konklużjoni li l-fatti kif seħħew huma, almenu fir-rigward t'Abdulahi, skont dak mistqarr mill-Prosekuzzjoni u għalhekk jistgħu iwaslu għal sejbien ta' ħtija. Stante li x-xhud prinċipali Saniyat ma xehedx ma ġie prodott ebda xhud li jgħid bil-ġurament li hu **ra'** lill-imputat Abdulahi iwettaq is-serqa tal-laptop, u ma teżistix evidenza ċirkostanzjali b'saħħitha biżżejjed biex tikkonvinċi lil din il-Qorti lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li indipendentement mill-istqarrijiet tal-Uffiċjali tal-Pulizija u dawk ta' Salad, li hemm fatti ċirkostanzjali suffiċjenti li jistgħu isawru preżunzjonijiet ta' fatt fir-rigward ta' kif seħħew verament il-fatti f'dan il-każ. Kif mistqarr mill-Imħallef Joseph Galea Debono fil-każ **Il-Pulizija vs James Abela**[7], preżunzjoni ta' fatt :-

> tqum fejn meta il-"fatti pruvati jkunu fihom infushom tant elokwenti li l-interpretazzjoni logika u naturali taghhom necessarjament u ragjonevolment twassal ghall-prova fi grad sodisfacenti ta' certu fatti."

[2] 2013, F1.18 to F1.27
[3] [1973] 1 All ER 440 at 462; [1973] AC 729 at 758.
[4] Ara wkoll Exall (1866) 4 F&F 922 at 929 per Pollock CB.
[5] [1952] AC 480 at 489.
[6] Ara wkoll Archbold, Criminal Pleading Evidence and Practice, 2013; 10-3.
[7] Deċiż mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-11 ta' Lulju 2002.

F'dan il-każ, dawn il-fatti huma neqsin. U għalhekk f'dawn iċ-ċirkostanzi, minħabba r-restrizzjonijiet ta' natura proċedurali hawn fuq elaborati, din il-Qorti ma tistax tqis dawn il-provi prodotti bħala "safe and satisfactory" biżżejjed biex tkun tista, in bażi tagħhom, issib lil Abdulahi ħati tal-imputazzjoni ta' serq jew riċettazzjoni (bil-imputazzjonijiet l-oħra konsegwenti).

Mill-banda l-oħra, fid-dawl tal-istqarrija magħmula minn Salad, u ċjoe li huwa kien dak li ħa kontroll tal-laptop u ġarru sa' Ħal-Far bit-tama li kellu jitlaqa' ma persuna li lilha kellu jikkonsenjahulha fejn ukoll jgħid li l-laptop: "It was given to me, i did not steal it but i know that it was stolen" (ara fol 15) ifisser li din il-Qorti għalkemm ma tistax issibu ħati tas-serq tal-laptop, tista' fuq dik l-evidenza ssiu ħati ta' riċettazzjoni tal-lap top. Dan peress li l-aġir tiegħu kif spjegat huwa f'Malta, xjentement laqa' għandu ħwejjeġ misruqa, u xjentement, indaħal biex ibiegħhom jew imexxihom.

***Ikkunsidrat :-***

In kwantu għall-dak li għandu x'jaqsam mal-imputazzjoni li Salad ikkommetta reat matul il-perjodu operattiv ta' sentenza sospiża u r-reċidiva kontestata lilu, il-Prosekuzzjoni eżibiet kopja awtentika ta' sentenza mogħtija minn din il-Qorti diversament presjeduta a fol 51 minn fejn jirriżulta li l-konnotati relattivi tal-imputat f'dik is-sentenza jaqblu perfettament ma dawk tal-imputat f'din il-kawża. Il-Qorti tqis li l-Prosekuzzjoni irnexxielha tipprova wkoll dawn iż-żewġt imputazzjonijiet konsegwenzjali.

Inoltre, ai termini tal-Artikolu 6(1) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, din il-Qorti ordnat li jsir rapport ta' qabel is-sentenza dwar l-imputat Ahmed Salad Mahmoud. Il-Qorti rat li skont ir-riżultanzi rapurtati, l-imputat Ahmed Salad Mahmoud s'issa ma kellux ħajja faċli u għadda minn diversi esperjenzi tal-waħx minkejja l-eta żgħira li għandu. Biss il-Qorti ma tistax ma tirrimarkax li l-imġieba tiegħu f'Malta, s'issa, ma kienet xejn ta' min jammiraha. Huwa ġie milqugħ f'dan il-pajjiż minħabba s-sitwazzjoni diffiċli ta' minn fejn oriġina u ingħata wkoll forma ta' kenn temporanju f'Malta. Iżda jidher li kemm ilu hawn, f'temp ta' tliet xhur diġa ġie darba u sejjer jerġa jiġi kkundannat ħati minn Qorti ta' Ġudikatura Kriminali li kkommetta r-reat ta' serq kontra persuni barranin. Bir-rispett kollu, dan mhux il-mod ta' kif kellu u għandu jaffronta l-problemi li d-destin kiefer għaraf jirriżervalu. L-anqas ma huwa l-abbuż mix-xorb alkoħoliku li l-imputat jidher li huwa maħkum minnu,

skont dak li qal, sabiex jinsa' d-diffikultajiet li għadda minnhom. Biss l-imputat Salad irid jifhem li billi jisraq jew jaċċetta u jilqa' għandu ħwejjeġ misruqa, anqas u anqas sejjer jegħleb il-problemi tiegħu.

Il-Qorti tifhem ukoll li minbarra s-sitwazzjoni partikolari tal-imputat, għandha responsabbilta' u dover li tassigura ġustizzja mhux lejh biss iżda wkoll lejn is-soċjeta Maltija li illum l-imputat Salad jgħix fiha. Ir-reati kommessi minnu a detriment ta' persuni barranin mhux biss jaffettwa direttament lill-vittma tal-istess reati, iżda jaffettwa wkoll lis-soċjeta Maltija mhux biss minħabba l-ħsara immedjata li reati simili jirrekaw iżda wkoll billi jikkontribwixxi b'riklam ħażin għal dawn il-Gżejjer ma dawk il-barranin li ġew hawnhekk għal żmien qasir bi skop ta' xogħol, studju jew divertiment u li spiċċaw misruqa. Dan mhux ġust ma soċjeta li turi ħniena ma' nies bħall-imputat Salad. U din is-soċjeta trid li ssir ġustizzja magħha wkoll.

L-imputat Salad diġa kien ingħata l-opportunita li jibbenefika minn sentenza ta' priġunerija sospiża magħquda ma ordni ta' superviżjoni minn Uffiċjali tal-Probation. Iżda b'xorti ħażina minflok għaraf jieħu din l-opportunita' mogħtija lilu mill-Qrati Maltin, 27 jum biss wara din is-sentenza, reġgħa ħa sehem f'delitt ieħor kontra l-proprjeta – dak ta' riċettazzjoni. Diffiċli u traġika kemm hi s-sitwazzjoni li ġej minnha l-imputat huwa ma għandux jedd jiddelinkwi. Anzi għandu dmir li josserva l-liġijiet ta' dan il-pajjiż bħal kulħadd.

***<u>GĦALDAQSTANT</u>***

Il-Qorti wara li rat l-Artikoli 17, 28A, 28B, 28G(5), 31, 37(2), 49, 50, 261(c)(e)(f), 267, 269(g), 270, 279(a), 280(1), 289 u 334(a) tal-Kodiċi Kriminali, qegħda ssib lil

(a) **Abdulahi Mohamed Adow** mhux ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u minnhom **tilliberah minn kull ħtija u piena**;

(b) **Ahmed Salad (jew Salaat) Mahmoud, numru tal-Pulizija 13O-048** mhux ħati tal-ewwel u r-raba' imputazzjoni u minnhom tilliberah minn kull ħtija u piena filwaqt li ssibu **ħati tat-tieni, t-tielet u l-ħames imputazzjonijiet u tikkundannah** :

(i) Għall-piena ta' disa' (9) xhur priġunerija effettiva fir-rigward tat-tieni u l-ħames imputazzjonijiet;
(ii) Inoltre, l-Qorti rat ukoll it-tielet imputazzjoni miġjuba kontra l-imputat u wara li rat l-Artikoli 28A u 28B tal-Kodiċi Kriminali qegħda wkoll issib lil Ahmed Salad (jew Salaat) Mahmoud, numru tal-Pulizija 13O-048 **ħati** tagħha u għalhekk filwaqt li qiegħda ssib li Ahmed Salad (jew Salaat) Mahmoud, numru tal-Pulizija 13O-048 wettaq ir-reat li għalih hemm piena ta' priġunerija matul il-perjodu operattiv ta' sentenza sospiża, ai termini tal-Artikolu 28B(1) tal-Kodiċi Kriminali qiegħda tagħżel li titratta miegħu għar-rigward tas-sentenza sospiża u konsegwentement qiegħda tordna li s-sentenza ta' sitt xhur priġunerija sospiżi għal tliet snin għandha tibda' sseħħ b'effett immedjat.

Għall-fini ta' kjarezza, il-Qorti għalhekk qiegħda, b'din is-sentenza, tikkundanna lil Ahmed Salad (jew Salaat) Mahmoud, numru tal-Pulizija 13O-048 għal perjodu ta' priġunerija effettiva ta' ħmistax il-xahar.

Finalment il-Qorti tirrakkomanda lid-Direttur tal-Faċilita Korrettiva ta' Kordin sabiex l-imputat jitqiegħed f'sezzjoni adatta għal persuni tal-eta tal-ħati kif ukoll li, matul il-perjodu li jkun fil-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin tipprovdi lill-ħati bl-għajnuna ta' nies professjonali adetti fl-istess Faċilita' sabiex jgħinuh jagħraf jaffronta u jegħleb il-problemi passati tiegħu u jgħinuh jiżviluppa l-kapaċitajiet tiegħu sabiex meta jiskonta l-piena inflitta huwa jkun jista jibda jgħix ħajja bogħod mill-vizji u b'rispett lejn il-Liġijiet ta' dan il-pajjiż.

***Mogħtija illum, it-3 t'Ottubru 2014 fil-Bini tal-Qrati tal-Ġustizzja, Valletta.***

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------